# Kurżitajiet fil-Knisja Parrokkjali tagħna

Mill-imgħoddi missirijietna ħadmu u stinkaw biex il-knejjes tagħna jkunu minjiera ta' arti u storja u għalhekk għamlu fihom bosta hwejjeġ ta' valur. Ma' hafna minn dawn ix-xogħijiet għamlu xi arma,xi isem, xi data je xi kitba oħra u dawn għamluha biex din it-tifkira ma tintesiex iżda llum fuq ħafna minn dawn l-affarijiet għaddew ħafna snin, u għal bosta nies dawn l-armi,dawn id-dati u dawn id-dettalji ma saru jfissru xejn.

Din il-kwalita ta' tifkiriet insibuhom fil-biċċa l-kbira tal-knejjes tagħna. Il-knisja tagħna,għallkem tgħodd biss ftit għexieren ta' snin insibu fiha numru ta' tifkiriet kif sejrin naraw f'din il-kitba. Bosta affarijiet li se nitkellmu dwarhom, narawhom spiss, forsi kuljum iżda ma nafux it-tifsira tagħhom,għalhekk din il-kitba tgħin biex naprezzaw aktar dawn it-tifkiriet minsija.

Iż-żjara tagħna se nibdewha mill-ewwel artal tax-xellug, iddedikat lil Qalb ta' Ġesu. L-ewwelnett fl-art naraw l-arma tal -kunjom Pace bħala tifkira tas-sur Ġużi Pace, il-benefattur li ħallas il-paviment ta' din il-kappella. Is-sur Pace kien negozjant ta' bosta hwejjeġ ta' l-ikel,u kellu l-maħżen tiegħu fi Prince of Wales road, Kien devot kbir tal-Qalb ta' Ġesu u kien joqgħod f' Casa Pace, faċċata tal-lukanda Savoy. Illum in-neputi tiegħu, Dun Rafel Pace, huwa l-kappillan ta' Stella Maris.

L,artal ta' din il-kappella qabel tpoġġa f'din il-kappella kien taħt ix-xbieha tal-Kurċifiss qabel infetaħ il-bieb li jagħti għal Triq il-Knsja.

Il-Kwadru tal-Qalb ta' Ġesu sar fl-1939 mis-sorijiet Franġiskanii ta' Marija ta' Ruma. Fih, barra l-Qalb ta' Ġesu jidhru wkoll Santa Gemma Galgani, Santa Margerita Marija Aloque u San Bonaventura. Hawn ta' min jgħid li ftit ferm huma l-kwadri hekk kbar tal-Qalb ta' Ġesu li nsibu fil-knejjes tagħna. Barra dan insibu kwadri ta' l-istess daqs fil-knejjes parrokkjali tal-Fontana,ta' Ħal Tarxien, tar-Rabat, Kerċem,tal-Gżira ta' Ħ'Attard u tal-Furjana u wkoll fil-knisja tan-Nadur ddedikata lil Qalb ta' Ġesu.

F'din l-istess kappella fuq in-naħa tal-lemin naraw kitba bil-Latin. Din qiegħda tfakkar lil numru ta' persuni li ħadmu fil-bini tal-knisja. Hawn jidhru ċerti ismijiet interessanti bħal dak ta' Dun Pawl Vella, il-fundatur, il-perit Debono li bena l-knisja u ismijiet oħra bħal ta' Ġakkin Ellul li kien il-propjetarju tal-lukanda Imperial, Annibale Preca li barra li kien filantropiku, kien wieħed mill-Maltin li ħadem biex il -lingwa Maltija jkollha l-post li tixirqilha. Naraw ukoll l-isem ta' Pietru Pawl Galea, li dan kien missier is-Sur Fons, u kien wieħed mill-ewlenin li bena numru kbir ta' djar f'tas-Sliema l-aktar fl-inħawi ta' madwar il-knisja ta' Stella Maris.

Minn din il-kappella ngħaddu għall-kappella ta' San Ġirolmu. Kif dan il-qaddis sab ruħu meqjum fil-knisja tagħna ?

Dan il-kwadru sar bi spejjes tal-Konti Ġirolmu Tagliaferro li ried li l-qaddis

li jġib ismu jkun meqjum f'din il-knisja. Għal dan il-għan qabbad lil Ġuzeppi Cali u għamel dan il-kwadru kapolavur ta' dan il-pittur.

Sa' madwar tletin sena ilu mal-ħajt tax-xellug ta' dan l-artal kien hemm kwadru b'ħafna invokażżjonijiet differenti għall-erwieħ. Bħala invokażżjoni kien hemm dawk għall-erwieħ li kienu jitolbu bil-għaġla,oħra kienet għal dawk li mietu jivjaġġaw u invokażżjonjiet bħal dawn. Taħt dan il-kwadru, imwaħħla mal-ħajt, kien hemm kaxxa żgħira mimlija bin-numri. Kull min kien irid jgħid x' invokażżjoni kien itella numru u skond dak in-numru, kien jaqra dik l-invokazzjoni u wara kien ilissen xi Requiem għalihom.

Fuq dan l-artal bdew jiġu ċċelebrati fil-Parroċċa tagħna il-festi ta' Santa Rita u ta' San Ġuda Taddeo. Dawn il-festi kienu jiġu ċċelebrati wara li fis-snin ħamsin saru żewġ kwadri ta' dawn iż-żewġ qaddisin, li dawn tpoġġew maż-żewġ ħitan. Fil-festa imbagħad il-kwadru kien jitpoġġa fuq l-artal, jiġi armat b'ħafna fjuri u xemgħa u l-quddies, flok jitqaddes fuq l-artal maġġur kien jitqaddes fuq dan l-artal.

It-tielet kappella tal-knisja tagħna hija ddedikata lil Ġesu Kurċifiss. Hawnhekk niltaqgħu ma' tlett xbihat sbieħ li huma ta' Ġesu Kurċifiss,id-Duluri u San Ġwann. Dawn nhadmu fl-1898 (sena oħra jagħlqu mitt sena) fil-fabbrika ta' Salvatore Saccuena ta' Lecce. Din il-belt Taljana hija magħrufa hafna għall-istatwi sbieħ li jsiru fiha. F'Malta u Għawdex insibu bosta statwi li saru Lecce, fosthom l-istatwa tad-Duluri taż-Żejtun li tidher li l-wiċċ tagħha inħadem fuq il-forma tad-Duluri li nsibu fil-knisja tagħna.

Meta fis-snin sittin il-patrijiet irranġaw il-kappella tal-kunvent, dan il-kurċifiss kien inqala minn din Il-kappella u tpoġġa f'din il-kappella tal-kunvent u hawnhekk kien tpoġġa l-Kurċifiss li kien jintrama fuq il-palk ta' l-eżerċizzi,iżda wara xi erba snin il-patrijiet indunaw li kienu għamlu żball u reġgħu poġġew kollox f' postu.

Mal-ħajt ta' din il-kappella naraw kitba Latina li tfakkar lil Spiro Borg li barra li ħallas għal dawn l-istatwi ħallas ukoll għall-iskultura li naraw f'din il-kappella.

Meta nbniet l-ewwel knisja' din il-kappella kellha bieb, iżda meta saru dawn l-istatwi dan il-bieb ingħalaq u sar artal (li llum jinsab fil-Qalb ta' Ġesu) iżda fl-1936 infetaħ reġa l-bieb li naraw illum.

Il-kappella l-oħra hija tal-Madonna tal-Karmnu. Fuq il-lemin naraw kitba Latina.

## Xi tfakkar din il-kitba ?

Din tfakkar lil Franġiska Pawla Cassar armla ta' Mikiel De Giovanni li fl-1895 ħarġet is-somma ta' mitejn u sittin lira lill-patrijiet biex dawn jibnu s-sitt kappelli laterali, tlieta fuq kull naħa, tal-knisja parrokkjali.

Fuq dan l-artal,fl-imgħoddi kienet tiġi ċċelebrat l-festa tad-Duluri billi l-istatwa kienet tiġi armata fuq dan l-artal u f'jum id-Duluri kienet tiġi armata bi

kwantita kbira ta' fjuri. Qabel inħallu din il-kappella tajjeb li nagħmlu osservażżjoni dwar din il-kitba Latina u l-oħra tal-kappella tal-Kurċifiss. Dawn m'humiex imwaħħla f'nofs il-pilastru iżda jidhru imġemba. Għaliex ?

Meta fis-snin tletin saret ir-rikostružżjoni tal-knisja, dawn il-pilastri kellhom jiġu mwessa biex jifilħu għa-saqaf li nbena, iżda f'dan ix-xogħol dawn l-irħamiet baqgħu fil-post oriġinali tagħhom.

Minn din il-kappella wieħed jgħaddi għall-kappella ta' San Ġuzepp. Il-kwadru li naraw illum inħadem f'Ruma fl-1937. Ma nafx x'kienet ir-raġuni għaliex il-patrijiet neħħew il-kwadru ta' Cali biex għamlu dan li ma fih ebda valur.

Fl-imgħoddi dan il-kappillan kien iddedikat lil San Franġisk. L-artal bajdani ta' taħt dan il-kwadru kien l-ewwel artal maġġur tal-knisja u dan kien inħadem għal ħabta ta' l-1883. Dan ifisser li dan l-artal hu wieħed mill-ftit hwejjeġ li baqa mill-Knisja oriġinali. Fl-imgħoddi mat-truf ta' l-ewwel skanell kien hemm żewġ irjus ta' l-anġli li llum spiċċaw.

Fuq ix-xellug naraw niċċa li fiha hemml-istatwa ta' San baskal Baylonmeqjuma statwa ta' San Baskal Baylon, qaddis Franġisan Spanjol. Din l-istatwa kienet ġiet fil-Parroċċa tagħna ħamsin sena ilu iżda l-istatwa hi eqdem għax kienet saret fl-1913 fl-okkażżjoni tal-Kungress Ewkaristiku Internażżjonali u ħadimha Karmenu Mallia, il-Lhudi li kien statwarju minn Ħal Qormi, u f'Malta ħadem numru ta' statwi oħra.

Fuq in-naħa l-oħra ta' din in-niċċa illum naraw kwadru tal-Wiċċ ta' Kristu. Oriġinali dan il-bieb kien jagħti għas-sagristija li din ukoll kienet iġġarfet fl-aħħar gwerra dinjija. Kemm hu hekk fuq barra għadu jidher il-bieb imbarrat bil-ġebel li wieħed kien jidħol minnu mit-triq 'Dietro La Chiesa' għal din is-sagristija.

Tlett tarġiet mill-kappellun ta' San Ġużepp jwassluna għall-kappella ta' San Franġisk. Fl-imgħoddi flók dawn it-tlett tarġiet kien jeżisti l-artal ta' San Ġuzepp, u l-kwadru li naraw llum ta' dan il-qaddis hawn kien,kemm hu hekk meta wieħed ihares sew lejn dan il-kwadru jinduna li dan hu imkabbar. Wara dan l-artal kienet teżisti s-sagristija li din kienet intlaqtet sew u intilfu bosta affarijiet fl-4 ta' Awissu ta' l-1941.

Din is-sena għamilna l-ewwel żjara tagħna u rajna bosta ħwejjeġ li narawhom spiss, forsi wkoll kuljum u bla ma nafu hemm marbuta magħhom storja sempliċi iżda interessanti.

Bl-iskop li din il-kitba tqanqal kurżità, nagħmlu appuntament għal sena oħra meta nduru parti oħra mill-knisja tagħna li fiha ċerti ħwejjeġ li magħhom hemm marbuta storja u tifkira.

*Tony Terribile*